MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2009

Avviz Numru. 216/2008

**Mary Ferriggi**

**vs**

**Matthew Farrugia**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors fuq indikat datat is-26 ta’ Mejju tas-sena 2008 li permezz tieghu r-rikorrenti sejhet lill-intimat quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m’ghandux prevja d-dikjarazzjoni li l-intimat Matthew Farrugia m’huwiex is-sid registrat tal-vettura tal-marka Glanza Toyota bin-numru ta’ registrazzjoni ZAM 800 ikun ikkundannat sabiex fi zmien qasir u perentorju:

1. Illi jirrifondi lir-rikorrenti d-depozitu ta’ elf Ewro (€1,000.00) li kien thallas mir-rikorrenti indebitament

lill-imsemmi intimat, u dan akkont tal-prezz ta’ ghaxart elef Ewro (€10,000.00), fil-promessa ta’ bejgh tal-imsemmija vettura li kienet saret fis-17 ta’ Frar tas-sena 2008 skont ma jirrizulta mill-ircevuta li hija ghandha fil-pussess taghha, li tali promessa kif ukoll tali trasferiment tal-istess vettura qatt ma seta` jsir minhabba dan in-nuqqas;

2. Salv kull rimedju, direttiva jew kumpens ulterjuri li din il-Qorti jidhrilha li huwa xieraq;

3. Bl-ispejjez tal-prezenti, inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata 14 ta’ Marzu tas-sena 2008, bl-imghaxijiet civili;

4. Bl-ingunzjoni tal-intimat in subizzjoni;

Rat ir-risposta ta’ l-intimat datata t-3 t’Ottubru tas-sena 2008, li permezz taghha wiegeb is-segwenti:

1. Illi, primarjament l-intimat jeccepixxi nuqqas ta’ kompetenza ta’ din il-qorti *ratione valoris* stante li din l-azzjoni kellha tkun intavolata quddiem it-Tribunal ghat-Talbiet Zghar;

2. Illi minghajr pregudizzju, it-talba kif dedotta hija nfondata fil-fatt u fid-dritt kif ser jirrizulta waqt il-kawza;

3. Illi l-ammont indikat fir-rikors mhux dovut;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, ir-rikorrenti Mary Ferriggi, kellha kull opportunita` u zmien sabiex tipprova l-vettura tal-ghamla Toyota Glanza bin-numru ta’ registrazzjoni ZAM-800, u dan, kif fil-fatt ghamel binha stess fil-presenza tal-esponenti intimat fil-kawza;

5. Illi l-esponenti jirrileva illi l-vettura msemmija damet diversi jiem fil-pussess tar-rikorrenti Ferriggi qabel ma ddecidiet li tirritornaha lura lill-esponent intimat;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

7. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

Rat id-digriet taghha datat l-4 t'Ottubru tas-sena 2008 fejn ordnat il-kapovolgiment tal-provi u fejn irrizervat li l-provi jkunu rigward l-ewwel eccezzjoni preliminari;

Ezaminat l-affidavit tar-rikorrenti flimkien mad-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet limitatament fuq l-ewwel eccezzjoni preliminari;

Ikkunsidrat:

Illi f'dan l-istadju l-vertenza odjerna hi limitata ghall-epurazzjoni ta' l-ewwel eccezzjoni ta' l-intimat kif riprodotta fir-risposta tieghu fuq indikata;

Illi tali eccezzjoni hi r-risposta ta' l-intimat ghat-talba tar-rikorrenti li sintetikament tiffoka fuq is-segwenti:

1. Illi qed titlob rifuzjoni ta' somma precedentement mghoddija minnha lill-intimat bhala depozitu ghan-negozju de quo, senjatament kompra-vendita ta' vettura;

2. Illi pero' r-rikorrenti ippernjat tali talba fuq dikjarazzjoni preventiva li talbet minn din il-qorti rigwardanti r-registrazzjoni tal-vettura meritu tal-kontenzjuz bejn il-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fir-rigward ta’ din il-problematika globali allura r-rikorrenti ma rrestringietx il-vertenza esklussivament ghall-epurazzjoni tat-talba taghha rigwardanti l-elf Ewro (€1,000.00), minnha mitluba, izda wessghet l-istess talba ghall-valur intier tal-vettura stante l-impossibilita` negozjali li jidher li zviluppat minhabba xi inkongruenza fir-registrazzjoni ta’ l-istess vettura li eventwalment ghad trid tigi ezaminata;

Illi ghalhekk, ghalkemm il-vertenza tidher superficjalment li hi limitata ghal talba li zgur ma tikkonfigurax fil-gurisdizzjoni ta’ din il-qorti, ir-risoluzzjoni taghha tiddependi mid-determinazzjoni precedenti li ghad trid issir rigwardanti r-registrazzjoni tal-vettura de quo;

Illi ghalhekk id-detereminazzjoni tat-talba sussidjarja tar-rikorrenti rigwardanti l-ammont indikat fir-rikors promotur hi dipendenti fuq ir-risoluzzjoni tat-talba principali, li l-istess rikorrenti ipprefissat qabel ma’ din il-qorti tkun tista` tghaddi ghar-risoluzzjoni finali tal-vertenza, u b’hekk kienet l-istess rikorrenti li wessghet it-tema tal-kontroversja b’mod li iddeterminat il-gurisdizzjoni tal-forum ghat-talba taghha;

Illi jirrizulta ghalhekk li r-risoluzzjoni tal-vertenza kif postulata mir-rikorrenti mhix limitata biss ghar-rifuzjoni reklamata, izda tenut kont tal-pregudizzjali interpost mill-istess rikorrenti, tesigi d-determinazzjoni precedenti rigwardanti t-titolu ta’ proprjeta` fuq il-vettura de quo, determinazzjoni li mhix fil-kompetenza tat-Tribunal ghat-Talbiet iz-Zghar izda li tvarja skond il-valur bejn il-qrati ordinarji;

Ghaldaqstant, din il-qorti qed tirrespingi l-ewwel eccezzjoni ta’ l-intimat u tordna l-kontinwazzjoni tal-kawza.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------